# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

**Illum 11 t'April 2025**

**Wara l-mandat ta' sekwestru numru 1713/2023 fl-ismijiet:**

**Adrian Baldacchino (KI 326074M)**
**vs.**
**Charmaine Spiteri (KI 535580M)**

**Rikors numru 991/2024 ta' Charmaine Spiteri:**

**Il-Qorti**

1. Rat ir-rikors tas-sekwestrata Spiteri fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar il-mandat ta' sekwestru infraskritt fid-dawl tal-fatt li, in segwitu għall-istess mandat, l-APS Bank plc kif ukoll il-Bank of Valletta plc kienu ddepożitaw żewġ ċedoli ta' depożitu fl-atti tal-istess mandat - kif jirriżulta mill-kopji mehmuża mar-rikors - b'dan li l-flejjes hekk depożitati kellhom jibqgħu hemm depożitati sakemm il-kawża 962/2023AB tiġi definittivament deċiża u skont l-eżitu tal-istess.

2. Rat ir-risposta tas-sekwestrant verbalizzata matul is-seduta tal-10 t'April 2025 fejn filwaqt li saħaq li l-effetti tal-mandat tas-sekwestru kellhom jibqgħu fis-seħħ fir-rigward tas-somom depożitati taħt l-Awtorita ta' din il-Qorti b'mod li r-Reġistratur jibqa' marbut li ma jirrilaxxjax l-imsemmija flejjes, mill-banda l-oħra huwa ma kienx qiegħed joġġezzjona li l-effetti tal-istess mandat jiġu mneħħija fir-rigward tal-kumplament tas-sekwestratarji indikati fil-mandat.

**Ikkunsidrat**

3. Taħt l-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, irid jiġi mistħarreġ jekk fiċ-ċirkostanzi:

i. ikun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew
ii. jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed.

4. F'dan il-każ il-Qorti tqis li d-depożiti magħmula jissodisfaw il-vot ta' dan l-artikolu.

**KONKLUZJONI**

**Għall-motivi premessi, din il-Qorti qegħda tilqa' t-talba tar-rikorrenta sekwestrata billi, in bażi għal dak dispost fl-artikolu 836(1)(c)(e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li :**

**(a) l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1713/2023 u l-effetti tiegħu għandhom jinżammu fis-seħħ biss u limitatament fir-rigward tal-ammonti ta' flus kollha li jinsabu ġja depożitati biċ-ċedoli ta' depożitu li kopji tagħhom ġew mehmuża mar-rikors promotur, u dawk li jistgħu fil-ġejjieni jiġu depożitati, taħt l-Awtorita ta' din il-Qorti f'idejn ir-Reġistratur tagħha;**
**(b) l-istess mandat ta' sekwestru u l-effetti tiegħu għandhom jibqgħu jorbtu biss lill-istess Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali iżda ma għandhomx iżjed jorbtu lis-sekwestratarji l-oħra indikati fuq l-istess mandat li allura għandhom jiġu meħlusa mill-effetti tiegħu;**
**(c) ebda waħda mill-partijiet f'dan il-każ jew terzi persuni ma jistgħu jiżbankaw kwalunkwe ammont ta' flus depożitati biċ-ċedoli ta' depożitu imsemmija iżjed il-fuq għajr ħlief, jew ammonti oħra depożitandi, għajr ħlief wara li l-kawża bin-numri 962/2023AB tgħaddi f'ġudikat u biss skont l-eżitu tal-istess.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom ikunu a karigu tas-sekwestrata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**

**Christianne Borg**
**Deputat Reġistratur**